IL-BIRGU

Città Vittoriosa

## Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : **birgu.lc@gov.mt** website : www.birgu.gov.mt

---

**Minuti tal-Laqgha 10 (07)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 10 (07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015 fil-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (5:30pm).

L-ghaxar (10) Laqgha tas-Sebgha Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

- **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha No 9 (07)**
- **Korrispondenza**
- **Taghrif dwar Progetti tal-EU**
- **Attivitajiet ghal Matul is-Sena 2016**
- **Taghrif dwar Xoghlijiet fit-Toroq Desain u Kardinal**
- **Taghrif dwar ix-Xoghlijiet fil-Berga tal-Ingilterra**
- **Registrazzjoni mal-Wasteserv – European Week for Waste Reduction**
- **Aggornament**

---

**Prezenti**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard,Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel, Il-Kunsillier Eman Zerafa Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore.

**Talba**

Is- Sindku qal it-talba u taha bidu ghall- Laqgha numru 10(07).

**Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 9(07)**

Il-Minuti tad-Disgha (09) Laqgha tas-Sebgha Kunsill gew iccirkulati mis-Segretarju Ezekuttiv qabel il-Laqgha numru 10, u gew approvati b'mod unanimu.

**Arising**

- **L-appell li kellu jinstema' fit-12 ta' Novembru, 2015 quddiem il-MEPA wara giet irrifjutata l-applikazzjoni ghal kiosk fuq Belvedere -** Il-Vici Sindku, is-Sur Tevor Mizzi, informa lill-Kunsill li r-residenti involuti qeghdin jaghmlu pressjoni sabiex lis-Sindku jkun prezenti waqt l-appell. Fil-waqt li s-Sindku ikkonferma li ser jaghmel minn kollox sabiex ikun prezenti waqt l-appell, huwa nforma lill-Kunsill li l-appell issa kien ser jistema' fis-26 ta' Novembru fis-1:30 pm u li huwa ta istruzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex kull korrispondenza li l-Kunsill kien qieghed jircievi minghand ir-residenti kkoncernati, kellha tintbaghat il-kopja taghha lill-Mepa.

- **It-talba tas-Sur Norman Cilia La Corte fejn wera x-xewqa li jibni gazebos tal-injam fuq is-Sur tal-Posta ta' Kastilja u jizviluppa din il-parti bhala cafetteria –** Il-Vici Sindku staqsa lil minn tappartjeni din iz-zona. Is-Sindku iddikjara li fi zmien qasir din iz-zona ser tkun tappartjeni lill-Kunsill. Intant, il-Vici Sindku sahaq li jekk dan kien ser ikun il-kaz, trid tinhareg tender. Is-Sindku informa lill-Kunsill jekk dan iku il-kaz, is-Sur Cilia La Corte ikollu d-dritt tar-right of first refusal minhabba li l-idea li parti minn dan il-post ikun konvertit f'cafeteria hija tieghu. Huwa sahaq wkoll li qabel kollox hemm bzonn l-approvazzjoni bil-miktub tar-residenti li joqghodu fl-akwata. Is-Sindku ppropona li s-Sur Cilia La Corte jinghata parir sabiex japplika mal-MEPA u jintalab jipprezenta approvazzjoni bil-miktub mir-residenti. Il-Kunsilliera prezenti approvaw b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.

- **Printer Gdid –** Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li hemm bzonn urgenti ta' printer u li ghandu jibda l-process sabiex dan jinxtara.

- **Spunt mill-Korrispondenza elettronika minghand Anna Spiteri (IRMCo) –** Is-Sindku, is-Sur John Boxall, talab lill-Kunsillier Lawrence Attard li qabel kull laqgha li jkun ser jattendi tal-IRMCo, huwa ghandu jiddiskutiha minn qabel mieghu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

- **Il-laqgha 'Unity in Diversity' li attendha ghaliha s-Sindku gewwa Firenze flimkien mas-Sur Carmel Camilleri** - Is-Sindku qal li kienet laqgha interessanti hafna fejn fiha huwa ghamel hafna kuntatti godda li jistghu jkunu utli ghall-Kunsill fil-futur. Huwa stqarr li wkoll iffirma digriet flimkien mama-kumpliment tas-Sindki li kienu prezenti u li kopja ta' dan id-dokument tinsab il-Kunsill.

- **Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgħa precidenti dwar is-Sjra Moira Azzopardi, Ufficcjal Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Birgu –** Is-Sindku sahaq li wiehed irid ikollu stampa cara rigward is-sickleave kollu li hadet s'issa. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li skont il-Ftehim Kollettiv rigward leave ta' mard, is-Sjra Azzopardi ghandha d-dritt ta' 30 gurnata full pay u 30 ohra half pay. Infurmat lill-istess Kunsill, li s-Sjra Azzopardi spiccalha l-full pay u bhalissa kienet qeghda tezawrixxi t-30 gurnata l-ohra half pay. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hija giet infurmata mis-sur Pio Farrugia, Asistent Direttur, DLG, li minhabba l-fatt li hija giet ccertifikata mit-tabib taghha li tista' tohrog waqt il-mard, il-Kunsill ma jistax jibghat tabib minn naha tieghu minhabba etika professjonali.

  Wara diskussjoni gie deciz sabiex tintalab informazzjoni jekk tistax tigi mpjegata persuna li ghandha fil-pussess taghha degree fil-'European Studies' u talab lis-Seg. Ezek. wkoll sabiex tigbor informazzjoni rigward l-iskala li ggorr din il-kariga. Dan peress li l-Kunsill huwa l-aktar kunsill involut f'bosta progetti tal-EU, ghandu jkun hemm persuna fil-Kunsill li xogholha biss ikun fuq dawn il-progetti.

  Is-Sindku informa wkoll lill kunsilliera prezenti li wara li ntemmu l-intervisti ghall-impjieg ta' Skrivan (Skala 15) full time, il-Bord tal-Intervista ta l-fehma tieghu, cioe' li s-Sjra Ethel Zammit kienet l-aktar persuna addatata ghal din il-pozizzjoni mill-persuni kolha li attendew ghall-intervisti. Intant fuq proposta tas-Sindku, il-membri kollha tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, approvaw b'mod unanimu l-hatra tas-Sjra Ethel Zammit bhala Skrivana (Skala 15) fuq bazi full-time.

- **Spunt Dwar il-Konferenza 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean' li saret f'Cisterino bejn is-16 u it-18 ta' Novembru, 2015**

  Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, kompla jzid fuq l-informazzjoni li hu ta waqt il-laqgha precidendenti tal-Kunsill. Il-Vici Sindku kompla biex spjega li sabiex l-Kunsill Lokali tal-Birgu ikun jista' jissieheb fl-assocjazzjoni 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean', irid ikun hemm 9 kunsilli ta' lokalitajiet ohra f'Malta li jkollhom certi karetteristici u li jkunu lesti li jissiehbu f'din l-assocjazzjoni. Matul din id-diskussjoni gew proposti 9 kunsilli lokali. Dawn huma z-Zejtun, Bormla, l-Isla, Qrendi, Xaghra (Ghawdex), l-Imtarfa, l-Imgarr, is-Siggiewi u San Lawrenz (Ghawdex). Il-Vici Sindku qal li l-ewwel pass l ghandu jsir huwa li l-Kunsill japplika u jhallas il-pagament stipulat sabiex jassocja ma' 'The Most Beautiful Villages in the Mediterran, kif ukoll tintalab informazzjoni mill-Kunsill lill-istess assocjazzjoni sabiex taghtieh direzzjoni ta' kif ghandu jipprocedi.

- **Kopja ta' Dikjarazzjoni ffirmata mis-Sindku, is-Sur John Boxall, li tikkoncerna l-progett LIFE 15 –** Is-Sindku, is-Sur John Boxall, iddikjara li huwa iffirma b'akbar responsabilita' din id-dikjarazzjoni. Huwa sostna li dan il-progett ghandu jithallas mill- ko-finanzjament. Huwa stqarr li qabel ma ffirma huwa talab informazzjoni bil-miktub minghand il-lead partner tal-progett li ikkofermalu li dan il-progett kien ser ikun ko-finanzjat kollu. Huwa ddikjara li iffirma dokument ta 'wirja ta' interess' ghaliex filfatt il-progett ghadu ma giex approvat. Huwa zied jghid li fi zmien li gej ser jinfetah l-ERDF li jinvolvi progetti sostenibbli u tangibbli mill-EU li jinvolvu flejjes kbar. Hemm il-hsieb li jsiru 2 applikazzjonijiet mill-Kunsill, wahda ghall-Berga tal-Ingilterra u l-ohra ghal dik ta' Franza. Zied isostni li permezz tal-Alda, il-Kunsill ghandu quddiemu

numru ta' progetti. Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-progett WE-NET li l-ewwel konferenza tieghu kienet ser tittella' bejn it-12 u l-15 ta' Novembru, 2105. Huwa nforma lill-kunsilliera prezenti li meta jittellghu l-konferenzi ta' dan il-progett, Il-Kunsill jintbaghat 4 persuni, li kull darba jistghu ikunu differenti, sabiex jipprezentaw lill-istess Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li f'dan il-progett, l-Kunsill huwa marbut biss li jtella' attivita' fil-lokalita' u jinghata s-somma ta' €2,000.

- **Spunt mill-Korrispondenza elettronika minghand Andrea Monantaro (Med Programme)** – Il-Vici Sindku informa lill-Kunsill li s-Sjra Lara Mascena kienet qeghda tikkomunika mal-persuna responsabbli ghal dan il-progett wara li gie mgharraf b'dan il-progett gewwa Cisternino.

- 
- **Spunt mid-Diskussjoni li saret waqt il-laqgha Precidenti dwar Party tal-Milied ghat-Tfal tal-Lokalita'-** Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa diga' qieghed jahseb sabiex jingabru donazzjonijiet ghal din l-attivita', kif ukoll li l-poster ta' din l-attivita' kien ser jinhareg l-ghada, cioe' fil-11 ta' Novembru, 2105.

**KORRISPONDENZA**

1. **Posta elettronika minghand Arthur Perici (Progett Let Us Not Forget) –** Il-Kunsill gie moghti informazzjoni rigward l-allokazzjoni ta' fondi kif ukoll informazzjoni dwar l-ispejjez involuti fil-konferenzi li ser isiru barra minn Malta. Il-Kunsillier Attard gie mitlub mis-Sindku sabiex jaghti nformazzjoni rigward l-ewwel konferenza li saret ta' dan il-progett. Il-Kunsillier Attard spjega li Victor Scerri, Koordinatur ta' dan il-progett, wera x-xewqa li kull kunsill involut ikollu l-koordinatur tieghu. Il-fondi allokati lil kull lokalita' huma differenti b'dawk il-

kunsilli barranin jigu allokati aktar mill-kunsilli Maltin involuti minhabba spejjez akbar ta' vjaggar. Il-Kunsil l Lokali tal-Birgu flimkien mal-bqija tal-kunsilli lokali involuti gie allokat €5,000 (it-tali somma tkopri spejjez ta' vjaggar (€2,500) u l-attivitajiet li jittellghu lokalment fil-kunsilli rispettivi). Il-Kunsillier qal ukoll li kull kunsill jista' jtella' sa hames minn nies jew anqas ghall-konferenzi ta' dan i-progett. L-ahhar konferenza ta' dan il-progett ser ssir propju fil-Birgu.

2. **Posta elettronika minghand Albert Falzon (MIEMA) –** rigward il-progett CATCH (Cognition-Affection in Tourism for Cultural Heritage). Is-Sindku informa lill-kunsilliera prezenti li ghandu informazzjoni li hemm cans kbir li dan il-progett ser jghaddi u li ser jigi amalgamat mal-V18. Huwa sostna li l-pass li jmiss hu li ssir laqgha mas-Sur Albert Falzon sabiex l-informazzjoni kollha dwar il-ko-finanzjament ta' dan il-progett.
3. **Talba minghand Valerie Mercieca (A+DMC Malta) –** Is-Sjra Mercieca qeghda titlob sabiex il-kumpanija taghha ttella'Artisan Crafts Market gewwa Couvre Porte fit-3 ta' Gunju, 2016. Filwaqt li ntalbet is-somma ta' €200, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jekk is-Sjra Mercieca tikkonferma li ser jintuza d-dawl waqt l-attivita' , il-Kunsill jitla donazzjoni ta' €400.

4. **E-mail minghand Charles Xuereb, (MHRA) –** Is-Sur Charles Xuereb f'isem l-MHRA qed jitlob lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jikkonsidra li jigi ffirmat Memorandum of Understanding bejn l-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Kunsill ta' Bodrum, Turkija, Il-Memorandum of Understanding jigi ffirmat waqt iz-zjara li s-Sindku ta' Bodrum f'Malta fl-ewwel gimgha ta' Dicembru, 2015. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel b'mod unanimu li jigi ffirmat dan il-Memorandum of Understanding.

5. **Korrispondenza minghand il-Kunsill Lokali tal-Birgu mibghuta lil Manos Vougioukas (Proposal Coordinator- Interreg MED) u r-Risposta tieghu–** talba sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jinghata informazzjoni rigward il-ko-finanzjament tal-progett SMART. Ir-risposta minn naha ta' Manos Vougioukas kienet li l-kontribuzzjoni ghal dan il-progett minn naha tal-Kunsill hija ta' 15%. Il-Kunsill qabel unanimament li juri wirja ta' interess.
6. **Kopja ta' korrispondenza elettronika li Mark Causon baghat lil Andrea Montanaro –** Mark Causon ghadda kopja tad-dokumentazzjoni li hu baghat lil Andrea Montanaro wara li gie muri interess minn naha tal-Kunsill tal-Birgu sabiex jissieheb fil-progett CATCH. Is-Sindku spjega lill-kunsilliera prezenti li Mark Causon huwa dispost li jaghti l-ghajnuna tieghu f'dan il-progett kif ukoll f'diversi progetti ohra.

7. **Korrispondenza minghand il-Kerygma rigward in-nominazzjoni tal-Premju Zaghzugh/a tas-Sena 2015 -** Is-Sindku, is-Sur John Boxall, talab lill-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi jirtira mill-laqgha waqt li jigi diskuss dan is-suggett. Dan ghaliex kienet ser tigi diskussa n-nominazzjoni tias-Sjrina Nikita Mizzi, li hija oht il-Vici Sindku. Is-Sjrina Mizzi zaret darbtejn il-Kosovo (Servja) fuq missjoni. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel b'mod unanimu li jinnomina lis-Sjrina Nikita Mizzi ghall-Premju Zaghzugha tas-Sena 2015.
8. **Korrsipondenza minghand Gracie Fenech Supervisior (Regjun tal-Port) –** Qeghda titlob lill-Kunsill tal-Birgu, kif ukoll lil dawk ta' Bormla u Haz-Zabbar sabiex johorgu €10 fil-gimgha ghat-transport tal-anzjani tal-lokal ghac-Centru tal-Anzjani gewwa Bormla. Dan minhabba li c-Centru tal-Anzjani m'ghandux il-fondi bizzejjed sabiex ikopri l-ispejjez kollha. Wara li gie diskuss dan is-suggett, il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel b'mod unanimu li jithallas l-ammont ta' €10 fil-gimgha kemm il-darba jkun hemm anzjani mill-lokalita' tal-Birgu li jaghmlu uzu minn dan it-transport.. Intant giet

diskussa wkoll il-possibilita' li jinxtara van bit-tail lift mill-kunsill ghall-uzu tal-anzjani tal-lolalita'. Is-Sindku issuggerixxa li l-ammont ta' flus (€10,000) li ntrebah mill-Prempju SUMP mill-Kunsill Lokali tal-Birgu jintuzaw sabiex tithallas parti mill-ispiza ta' dan il-van, kif ukoll li jintalbu xi donazzjonijiet.

9. **Notifika mill-MEPA rigward apllikazzjonijiet li dahlu ghal kisi ta' pavimentar bl-injam u talba ghal mwejjed u siggijiet barra Old City Pub, bdil ta' permess minn Klassi 1 ghal Klassi 3A u Klassi 4B ghal Boutique Hotel, kif ukoll applikazzjoni ohra ghal bdil ta' permess minn Klassi 3D ghal Klassi 4A -** Il-kunsilliera prezenti hadu nota ta' dawn l-appikazzjonijiet.

10. **Posta elettronika minghand Aldo Mazzonobile (Interreg Med) –** Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill li sabiex jahdem fuq dan il-progett , is-Sur Mazzanobile kien inizjalment talab is-somma ta' €30,000 lill-kull kunsill involut. Wara l-intervent tal-FTZ it-talba nizlet ghal €2,500 li xorta ma gietx accetta mill-Kunsill tal-Birgu. Intant, dan progett ghadu ma ghaddiex. Is-Sindku talab lis-Seg. Ezekuttiv sabiex tikkoordina mas-Sur Desmond Zammit (FTZ) sabiex jiltaqghu u jiddiskutu dan il-progett tal-Interreg Meg.

<u>**Taghrif tal-Progetti tal-Unjoni Ewropeja**</u>

Is-Sindku nforma lill-kunsilliera prezenti li fil-prezent ghaddejjin hafna progetti u l-kunsill qieghed jiffaccja problema ta' nuqqas ta' manpower. Is-Sindku talab lis-Seg. Ezek. sabiex tigbor informazzjoni minghand is-Sur Michael Cohen rigward il-fond ta' parti tal-ko-finanzjarment tal-kunsilli li ilu jezisti minn gvern precidenti.

Rigward il-progett WE-NET, is-Sindku informa lill-kunsilliera prezenti li ser tintbaghat

regolarment rapprezentanza mill-Kunsill Lokali tal-Birgu ghall-konferenzi ta' dan il-progett.

Il-Kunsillier Zerafa ssugerixxa li jkun tajjeb jekk il-Kunsill ikollu f'idejh l-informazzjoni mehtiega fi zmien ragonevoli tal-kwalifiki u esperjenza ta' dawk li ikun hemm bzonn li jintbaghtu bhala rapprezentati tal-Kunsill f'konferenzi barra minn Malta. Dan sabiex il-Kunsill ikollu rapprezentanza kkwalifikata f'dak is-suggett partikolari waqt il-laqghat.

**ATTIVITAJIET GHAL MATUL IS-SENA 2016**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li mal-Birgu Fest 2016, hemm il-hsieb li tizdied attivita' ohra ghax-xahar ta' Dicembru, 2016, b'konnessjoni mal-Milied. Huwa nforma li wara li kellu diskussjoni ma' ufficcjal minn naha tal-V18, huwa hareg b'dawn il-proposti ghal Birgu Fest 2016.

- Re-enactment tal-enguardia tat-tfal minn madwar Malta gewwa l-Birgu (li tkun parti mill attivitajiet tal-V18) sabiex il-wirt nazzjonali u l-istorja tibqa' hajja
- Jingiebu studenti mill-iSchool of Music li jdoqqu strumenti jew tal-qasba jew brass sabiex idoqqu mill-galleriji tal-hadid fil-Birgu
- Isir loghob tradizzjonali b'differenza ghat-tfal bil-participazzjoni tal-adulti.

Intant, is-Sindku, is-Sur John Boxall ippropona li s-Sinjuri Mario Degiovanni, Paul Zammit u Lara Mascena jkunu avvicinati sabiex jigu nkluzi fis-Sotto Kumitat tal-Birgu Fest 2016.

Il-Kunsillier Attard ssugerixxa li minflok isir is-soltu kalendarju, tittiehed l-inizjattiva kull familija fil-lokalita' iggib bicca drapp zghira biex finalment isir patchwork li jintrema gewwa l-pjazza. Kull familja taghti kontribuzzjoni ta'

€5 u li taghha tinghata ricevuta. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel b'mod unanimu mal-proposta tal-Kunsillier Attard.

Is-Sindku ppropona li b'mod formali l-Kunsill juri l-apprezzament tieghu ghax-xoghol u l-kontribuzzjoni li tat is-Sjra Lara Mascena ghall-Birgu Fest 2015. Il-Kunsilliera kollha prezenti approvaw unanimament il-proposta tas-Sindku.

Rigward l-attivitajiet tal-Milied ghas-Sena 2016, il-Kunsillier Gellel informa lill-Kunsill li s-sur Noel Castillo ghandu l-hsieb li jgib baned, majorettes u gruppi folkloristici internazzjonali ghal Milied 2016. Huwa ghandu nformazzjoni li Noel Castillo ser ikun qieghed jikkuntattja lill-kunsilli lokali sabiex jara humiex interessati. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Gellel sabiex jikkoordinalu laqgha mas-Sur Castillo. Intant, is-Sindku ippropona li wahda mill-atttivitajiet li jittellghu tkun li wara l-quddiesa ta' nofs il-lejl ikun hemm daqq taz-zaqq u t-tambur barra l-knejjes tal-lokalita'.

Il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, sahaq li f'dan il-Milied ghand jsir sforz sabiex tintrema' il-pjazza bil-festuni. Wara giet diskussa din il-proposta, din giet approvata b'mod unanimu mill-bqija tal-Kunsill. Il-Kunsillier Attard ippropona li l-festuni ezistenti li jinsabu merfugha fil-binja tal-kunsill jinargu sabiex huwa jkn jista' jiccekja jekk ghadhom jiffunzjonaw.

**<u>Taghrif Dwar Xoghlijiet fit-Toroq Desain u Kardinal</u>**

Il-Kunsillier Gellel talab informazzjoni rigward il-progress tax-xoghol f'dawn it-toroq.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall informa lill-Kunsill li l-Ministeru tax-Xoghlijiet u Trasport ivvota flus ghall-kisi tat-tarmak. Il-main kollu tad-drenagg f'dawn iz-zewg toroq ser jinbidel kollul u ser jiehu iz-zmien ghaliex is-sistema ser tinbidel totalment. Huwa nsista li ghandu jsir maghruf li x-xoghol, li ser jinbeda fl-immedjat u li qieghed isir wara insistenza minn naha tal-Kunsill. Is-Sindku tkellem ukoll fuq dak li nkiteb fuq Fb fuq dan is-suggett fejn iddikjara li l-Kunsill ghandu jkun unjoni u mhux kulhadd jahdem ghal rasu.

**Taghrif Dwar Xoghlijiet fil-Berga tal-Ingilterra**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, gibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera prezenti ghax-xogholijiet li ghaddejjin bhalissa gewwa l-Berga tal-Ingilterra, u dwar is-somma ta' €65,000 li giet moghtija mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Anzjani sabiex din il-berga tigi konvertita f'Hub ghall-Anzjani. Huwa nforma lill-Kunsill li bhalissa hemm ghaddejjin xoghoijiet fuq id-dawl u l-ghamara, it-toilets u l-kcina kwazi lesti, kif ukoll li l-equipment tal-gym ordnat. Informahom ukoll li l-applikazzjoni ghall-lift gie mghoddija lill-MEPA.

**Registrazzjoni mal-Wasteserv – European Week for Waste Reduction**

Il-Kunsillier Eman Zerafa informa lill-Kunsill li huwa kien ha l-inkarigu li jifformulha l-applikazzjoni u jibghatha on-line fuq il-website tal-Wasteserv. Huwa kompla jispjega li l-inizzjattivi li huwa proppona f'isem il-Kunsill huwa zjara ghat-tfal tal-iskola primarja gewwa l-Wasteserv, kif ukoll li permezz ta' mailshot ir-residenti jigu mitluba sabiex il-hwejjeg li ghandhom tajbin izda li m'ghadx ghandhom bzonnhom igibuhom fil-Kunsill li minn naha tieghu jiddistribixxihom f'diversi istituzzjonijiet socjali.

***Il-Laqgha 10(07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fid-9:15 (disgha u hmistax il-minuta ta' filghaxija).***

Tania Belfiore | John Boxall

Segretarju Ezekuttiv | Sindku

*Approvati llum ..................................................*

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Tania Belfiore – Segretarju Eżekuttiv